



Il-Pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal  
Ir-Raba' Konsultazzjoni

# L-ILĦNA TAT-TFAL DWAR IL-FAQAR U L-INKLUZZJONI SOĊJALI

Sommarju ta' dak li qalu t-tfal

Marzu 2026

## X'INHU L-ISKOP?

It-tfal u l-adoloxxenti kollha għandhom ikunu jistgħu jgħixu ħajja kuntenta u sana. Xi tfal jeħtieġu appoġġ addizzjonali, pereżempju fl-edukazzjoni, fil-kura tas-saħħa, fl-ikel, jew fl-akkomodazzjoni.

Biex jgħinu f'dan, il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea (UE) għandhom pjanijiet nazzjonali biex jgħinu lil dawk it-tfal.

Dawn il-pjanijiet huma gwidati mill-Garanzija Ewropea għat-Tfal. L-UE qed tivverifika kif qed jaħdmu l-Garanzija u l-pjanijiet nazzjonali.

Huwa għalhekk li kien importanti li nisimgħu direttament mingħand it-tfal u l-adoloxxenti taħt it-18-il sena dwar kif inhi ħajjithom u kif sejr in l-affarijiet f'pajjiżhom.



Bejn is-17 ta' Ottubru u t-8 ta' Diċembru 2025, it-tfal minn madwar l-UE ħadu sehem fi stħarriġ online, fi gruppi fokus u f'intervisti permezz tal-Pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal.

## MIN IPPARTEĊIPA?




**41,736 tifel u tifla u adoloxxenti**  
ta' bejn it-8 snin u s-17-il sena








**Mis-27 pajjiż tal-UE kollha,**  
u xi ċittadini li jgħixu barra mill-pajjiż



Permezz ta' stħarriġ online,  
**26 grupp fokus u 45 intervista**  
**individwali**



## KLIEM LI GĦANDEK TKUN TAF

 <b>Faqar</b>	meta familja ma jkollhiex biżżejjed flus għall-affarijiet bażiċi, bħall-ikel, l-akkomodazzjoni u t-tiżnin
 <b>Inklużjoni soċjali</b>	meta tħossok li tappartjeni, li qed tiġi ttrattat b'mod ġust, u li tista' tiegħu sehem fl-aspetti kollha tal-ħajja ta' kuljum
 <b>Garanzija Ewropea għat-Tfal</b>	pjan tal-UE li jgħin lill-pajjiżi jtejbu l-aċċess tat-tfal għas-servizzi essenzjali
 <b>Diskriminazzjoni</b>	meta xi ħadd jiġi ttrattat inġustament minħabba min hu, jew minħabba xi ħaġa dwaru
 <b>Ostaklu</b>	xi ħaġa li tagħmilha aktar diffiċli għal persuna biex tikseb l-għajjnuna u l-appoġġ li teħtieġ jew biex tingħaqad ma' oħrajn u tħossha inklużi

## IL-MESSAĠĠ EWLIENI MIT-TFAL



Ħafna tfal qalu li l-għajjnuna u s-servizzi jeżistu, u li ċerti affarijiet tjebe. Iżda mhux it-tfal kollha jistgħu jużaw dan l-appoġġ bl-istess mod.

**Dan ifisser li anke jekk it-tfal għandhom l-istess drittijiet, mhux dejjem ikollhom l-istess opportunitajiet fil-ħajja ta' kuljum.**



## L-AZZJONIJET LI JRIDU T-TFAL!



Li t-tfal jiġu ttrattati b'rispett, li ngħinuhom iħossuhom sikuri, li nipproteġu l-privatezza tagħhom, u li ma nippuntawx lejn individwi



Li l-appoġġ ikun prattiku, fil-ħin, u affidabbli, speċjalment għat-tfal li qed jiffaċċjaw ostakli akbar



Li nbaxxu l-kostijiet, jew li ma jkunu b'xejn għall-familji li jkunu fil-bżonn, biex it-tfal kollha jkunu inklużi



Li t-tfal jinstemgħu f'deċiżjonijiet li jaffettwaw lhom ħajjithom, u li nuruhom xi jkun inbidel minħabba dak li jkunu qalu



## JIĠU INKLUŻI U TTRATTATI B'MOD ĠUST

### X'qalu t-tfal

- Il-faqar jista' jgħiegħel lit-tfal iħossuhom imbarazzati jew esklużi, anke meta s-servizzi ta' appoġġ ikunu disponibbli, għax jinkwetaw li se jiġu ttrattati b'mod differenti jew iġġudikati minn ħaddieħor
- Ċerti tfal jiffaċċjaw diskriminazzjoni marbuta mad-diżabilità, l-etniċità, il-migrazzjoni, il-ġeneru, u differenzi oħra
- It-tfal iħossuhom sikuri meta l-adulti jappoġġawhom, isegwu regoli u proċeduri ċari, u jaġixxu b'mod ġust u konsistenti
- It-tfal iħossuhom inklużi meta jkollhom adulti madwarhom li jistgħu jafdaw, u li jeħduhom bis-serjetà u li jsimgħu x'għandhom xi jgħidu

### X'talbu t-tfal

- Appoġġ li jkun prattiku, mogħti f'waqtu, u pprovdut b'mod konsistenti, speċjalment għat-tfal li jiffaċċjaw ostakli akbar jew li jeħtieġu għajna addizzjonali
- L-adulti għandhom jgħiddu l-bullying u d-diskriminazzjoni meta jarawhom, u jiproteġu d-dinjità tat-tfal billi jitrattawhom b'rispett u jiddefendu d-drittijiet tagħhom
- L-appoġġ għandu jiproteġi l-privatezza tat-tfal u jingħata b'tali mod li ma jipuntax lejn individwi jew ma jgħiegħelhomx iħossuhom differenti minn ħaddieħor
- Li jiġu pprovduti modi siewja għat-tfal biex jieħdu sehem fid-deċiżjonijiet, u li jaraw xi jkun inbidel minħabba dak li jkunu qalu

**It-tħassib tat-tfal huwa reali u jistħoqqlu li jittieħed bis-serjetà u jiġi vvalidat, anke jekk l-adulti ma jagħtuhx importanza.**

Tifel, 16 –17-il sena, ir-Rumanija



**It-tfal kollha jistħoqqilhom dar, internet, ikel, riżorsi, kura tas-saħħa, u edukazzjoni irrispettivament mill-etniċità, ir-reliġjon, jew mill-grupp ieħor tagħhom, iżda mhux it-tfal kollha għandhom dawn – dan irid jinbidel.**

Tifel, 15-il sena, il-Bulgarija





## IL-FAJJA FL-ISKOLA

### X'qalu t-tfal

- Il-ġiti, l-attivitajiet u t-tagħmir jistgħu jiswew il-flus, u dawn l-ispejjeż jistgħu joħolqu ostakli għall-parteċipazzjoni tat-tfal
- L-għajjnuna addizzjonali għat-tagħlim mhux dejjem tkun disponibbli meta t-tfal ikollhom bżonnha
- It-testijiet, ix-xogħol mid-dar, u l-eżamijiet jistgħu joħolqu pressjoni qawwija u stress
- Il-bullying u d-diskriminazzjoni jistgħu jġiegħlu lit-tfal iħossuhom mhux siguri l-iskola
- L-appoġġ għat-tfal b'diżabilità u bi ħtiġijiet addizzjonali mhux dejjem jaħdem tajjeb fil-ħajja ta' kuljum tal-iskola

### X'talbu t-tfal

- Li l-attivitajiet tal-iskejjel ikunu mingħajr ħlas jew orħos, u li l-kost sħiħ jiġi spjegat b'mod ċar minn qabel, inkluża kwalunkwe spiża addizzjonali għal affarijiet bħal materjal, vjaġġi jew tagħmir li l-familji jistgħu ma jkunux qed jistennew għall-ewwel
- Li jiġu stabbiliti regoli ċari dwar il-bullying u d-diskriminazzjoni, jiġi żgurat li kulħadd jifhimhom, u li jiġu applikati b'mod konsistenti, sabiex ikun hemm konsegwenzi ċari għall-imġiba li tagħmel ħsara u t-tfal iħossuhom sikuri, rispettati u kapaċi jieħdu sehem fil-ħajja tal-iskola
- Li jiġi żgurat li t-tfal ikunu jistgħu jirċievu appoġġ fit-tagħlim tagħhom, u li l-counsellors u l-infermiera tal-iskola jkun disponibbli meta t-tfal ikollhom bżonnhom
- Li t-tfal jiġu inklużi fid-deċiżjonijiet tal-iskola, li jingħata widen għal dak li jgħidu t-tfal u li jsir tibdil abbażi ta' dan

**Ħafna studenti ma jistgħux jaffordjaw il-ġiti jew l-avvenimenti bi ħlas, u anke l-kostijiet żgħir jistgħu jġiegħluhom iħossuhom esklużi.**

Grupp fokali, 16 sa 17-il sena, ir-Rumanija



**Ikun tajjeb li kieku jkun hemm ftit ħin fl-iskola biex nitkellmu dwar xi jkun qed jiġri u kif inħossuna.**

Tifla, 15-il sena, id-Danimarka





## KURA TAS-SAĦĦA

### X'qalu t-tfal

- Iż-żminijiet twal ta' stennija jistgħu jżommu lit-tfal milli jiksbu għajnuna u appoġġ, speċjalment għas-saħħa mentali
- Ċerti familji jsibuha diffiċli biex jagħmlu l-vjaġġ għas-servizzi tas-saħħa, speċjalment għal servizzi speċjalizzati, u dan jista' jkun pjuttost diffiċli għal familji li jgħixu f'żoni rurali
- Il-kostijiet jistgħu jkunu ostaklu, speċjalment dawk għad-dentisti, għall-appoġġ għas-saħħa mentali u għal terapiji speċjalizzati oħrajn
- Ċerti tfal ma jafux fejn għandhom imorru għall-għajnuna, speċjalment jekk il-ġenituri ma jistgħux jappoġġawhom

### X'talbu t-tfal

- Access aktar mgħaġġel għat-tobba u għall-kura speċjalizzata meta t-tfal ikollhom bżonnha
- Kura affordabbli għall-familji li jeħtieġu appoġġ addizzjonali, inkluż l-kura tas-snien u l-kura speċjalizzata, bħat-testijiet tal-għajnejn u n-nuċċalijiet, l-appoġġ għas-saħħa mentali, u t-terapija tad-diskors u tal-lingwa
- Informazzjoni ċara u faċli li tintfiehmed mit-tfal dwar fejn għandhom isibu appoġġ
- Appoġġ aħjar u aktar mgħaġġel għas-saħħa mentali, inkluż l-appoġġ iprovdut fl-iskejjel

**Jista' jigrri hekk: Nagħmel kuraġġ u ngħid, 'tajjeb, illum se nitkellem,' u mbagħad [l-infermiera tal-iskola] lanqas biss tkun hemmhekk.**

Tifla, 17-il sena, l-lżvezja



**Għandu jkun hemm rekvizit ta' mill-inqas psikologu wieħed u assistent soċjali wieħed għal kull skola.**

Tifla, 8 snin, il-Portugall





## IKEL, INKLUŻA IKLA WAĦDA TAL-ISKOLA WAĦDA KULJUM

### X'qalu t-tfal

- L-ikel tajjed għas-saħħa huwa importanti, anke għat-tagħlim, iżda mhux it-tfal kollha jiħduh kuljum
- L-ikliet tal-iskola bla ħlas mhumiex disponibbli fl-iskejjel kollha, u ċerti studenti akbar fl-età ma jistgħux jeħduhom minħabba li r-regoli jgħidu li mhumiex eliġibbli, anke jekk il-familji tagħhom ikunu qed ibatu
- L-ikel tal-iskejjel mhux dejjem ikun ta' kwalità tajba, jew id-dehra u t-togħma tiegħu ma jkunux tajbin
- L-ikel aktar tajjed għas-saħħa spiss jiswa aktar mill-ikel ipproċessat u inqas tajjed għas-saħħa, u għalhekk il-familji jistgħu jagħżlu dan tal-aħħar minħabba li jkollhom bżonn jiffrankaw il-flus, anke jekk jippreferu għażliet aktar tajbin għas-saħħa
- Meta l-iskejjel ikunu magħluqa, pereżempju matul il-vaganzi, l-ikliet tal-iskola bla ħlas jistgħu jieqfu, u dan ifisser li ċerti tfal jistgħu ma jkollhomx l-istess appoġġ għall-ikel f'dak iż-żmien

### X'talbu t-tfal

- Li mill-inqas ikla waħda tajba għas-saħħa matul il-ġurnata tal-iskola tkun bla ħlas jew affordabbli
- Li ikliet ħfief u xarbiet irħas u tajbin għas-saħħa jkunu disponibbli fl-iskola
- Kwalità u varjetà aħjar fl-ikliet tal-iskola, inkluż frott u ħaxix
- Appoġġ għall-ikel matul il-vaganzi u meta l-iskejjel ikunu magħluqa, pereżempju klabbs tal-ikel waqt il-vaganzi jew vouchers tal-ikel biex jiġi żgurat li t-tfal xorta jkollhom biżżejjed x'jieklu meta l-iskola tkun magħluqa

**L-iskejjel għandhom jipprovdu ikliet jew ikliet ħfief tajbin għas-saħħa u bla ħlas fl-iskola. L-iskola għandha tkun post sikur.**

Tifel, 16-il sena, il-Polonja



**Għandna niffokaw fuq li nuru lill-ġenituri u lit-tfal kif jieklu ikel tajjed għas-saħħa fid-dar. Għandu jkun hemm aktar tagħlim dwar dan.**

Tifel, 17-il sena, l-Ungerija





## AKKOMODAZZJONI

### X'qalu t-tfal

- Dar sikura tgħin lit-tfal iħossuhom siguri u li hemm min jieħu ħsiebhom, u dan jappoġġa t-tagħlim u s-saħħa tagħhom
- Ċerti tfal jgħixu fi djar kesħin, umdużi jew iffullati żżejjed
- Il-ħlas għall-kera, għall-gass, għall-elettriku u għall-ilma jista' jpoġġi lill-familji taħt pressjoni, u dan jista' jwassal biex xi tfal jinkwetaw li tfal oħra se jtitilfu darhom jew se jkollhom iħallu lil sħabhom u lill-iskola tagħhom
- Iż-żgħażaġħ li jtitilqu mill-kura mhux dejjem jingħataw biżżejjed appoġġ għall-akkomodazzjoni meta jibdew jgħixu waħedhom

### X'talbu t-tfal

- Li jiġi żgurat li d-djar ikunu sħan, sikuri, u f'kundizzjoni tajba, u li l-ħsarat jiġu rranġati malajr sabiex it-tfal ikunu jistgħu jgħixu fil-kumdità u jibqgħu b'saħħithom
- Li l-familji jingħataw għajjnuna biex iħallsu l-kera, it-tiħin, l-ilma, u l-enerġija meta l-familja jkollha inqas flus
- Jiġi żgurat li t-tfal ikollhom biżżejjed spazju u privatezza, inkluż xi mkien għall-kwiet fejn jistudjaw
- Jingħata appoġġ aħjar liż-żgħażaġħ meta jtitilqu mill-foster care jew mid-djar tat-tfal

**Hija kwistjoni ta' dinjità jew ta' mistħija: li jkollok spazju personali, spazji nodfa u msaħħna.**

Tifel, Franza



**Is-sidien għandhom ikunu legalment obligati li jimxu mal-istandards minimi, mill-vit irid joħroġ ilma nadif, l-iżolament irid ikun tajjeb biżżejjed.**

Tifla, 17-il sena, il-Ġermanja



## XI JMISS?

Fl-2026, l-UE se tuża dak li qalu t-tfal, flimkien ma' informazzjoni mingħand l-adulti f'kull pajjiż, biex tirrevedi l-progress u ttejjeb il-pjanijiet biex jiġu indirizzati l-faqar u l-esklużjoni tat-tfal. Il-fehmiet tat-tfal se jgħinu lill-UE tirrevedi l-Garanzija Ewropea għat-Tfal u l-pjanijiet nazzjonali.



Link għall-kodiċi QR: [https://eu-for-children.europa.eu/childrens-voices\\_mt](https://eu-for-children.europa.eu/childrens-voices_mt)



Jekk int taħt it-18-il sena u għandek bżonn li titkellem ma' xi ħadd dwar kif qed tħossok, jekk jogħġbok tkellem ma' adult li tafda, jew ikkuntattja linja telefonika għall-għajnuna għat-tfal f'pajjiżek.





**#EUChildParticipation**